MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Numru. 991/2006

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Emanuel Borg, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-17 ta' mejju, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli mill-Isptar San Vinċenz de Paule, Ħal-Luqa, fl-14 ta' ġunju, 2006, għal ħabta tat-3.00 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti tal-ikel, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna għad-dannu tar-Repubblika ta' Malta;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi xtara jew b'xi mod irċieva mingħand persuna oħra jew kellu fil-pussess tiegħu xi oġġetti li kellhom xi marka jew sinjal li juri li dak l-oġġett hu propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oġġetti illi

kien jaf li hhuma propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorita' kompetenti ma tatx permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi minnhom, u naqas li jagħti kont sodisfaċenti ta' kif l-oġġett jew il-ħaġa ġew għandu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat hu propjetarju ta' van tal-għamla Toyota Lite Ace van, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCJ 917, mis-6 ta' jannar, 2006.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-14 ta' ġunju, 2006 il-pulizija ġiet infurmata li l-imputat, li jaħdem fl-isptar fil-main stores, kien qed idaħħal xi affarijiet ta' l-ikel fil-van tiegħu. Is-security ta' l-isptar staqsew lill-imputat biex jaraw x'kellu fil-van iżda hu rrifjuta li jħallihom jispezzjonaw il-van tiegħu. Mhux talli hekk iżda l-imputat qabad u telaq minn fuq il-post. Persuna waħda spezzjonat il-van minn barra u rat xi laned. Wara marru fid-direzzjoni fejn kien telaq l-imputat u fil-ħaxix sabu kaxxi bħal dawk li dak is-security ra fil-van ta' l-imputat. Din il-versjoni ġiet miċħuda mill-imputat li qal li fil-van kellu tlett ħamiem li kien tahomlu persuna oħra li taħdem l-isptar u li mhux veru li kien talbuh biex il-van jiġi spezzjonat. L-imputat ċaħad li l-affarijiet li nstabu fl-għalqa kien seraqhom hu mill-isptar.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-affarijiet li nstabu fil-ħaxix huma tal-valur ta' Lm42.51.

Illi mix-xhieda ta' David Cacciattolo jirrizulta li hu kien ikkonsenja l-ħamiem lill-imputat u ma tah xejn aktar.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi hemm dubju li għandu jmur favur l-imputat.

Għaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------